

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

AD 15/25

LIMITE

CONF-ALB 12

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
– Ġabra 4: Aġenda Ekoloġika u Konnettività Sostenibbli

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negożjar tal-Albanija AD 10/25 CONF-ALB 9)

Ġabra ta' Negożjati: 4

Aġenda Ekoloġika u Konnettività Sostenibbli

Inkluż il-Kapitoli 14 – Politika tat-Trasport, 15 – Enerġija, 21 – Networks trans-Ewropej, 27 – Ambjent u Tibdil fil-Klima

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;

kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2, 3, 5, 10, 16, 23, 26, 31, 38, 45, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Albanija tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa, diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjoni tagħha AD 10/25 CONF-ALB 9 taċċetta l-acquis tal-UE fil-qafas tal-Ġabra 4 kif fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2025 u tiddikjara li ser tkun lesta biex timplimentah sa mid-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, ħlief fil-qafas tal-kapitolu 27, fejn qed titlob miżuri tranżizzjonali fl-oqsma tal-kwalità tal-arja, il-kwalità tal-ilma, l-ġestjoni tal-iskart, is-sustanzi kimiċi u t-tniġġis l-ġestjoni tar-riskju industrijali.

Bħala rispons ġenerali għat-talbiet tal-Albanija għal miżuri tranżizzjonali, l-UE tfakkar fil-pożizzjoni ta' negozjar ġenerali tagħha li miżuri tranżizzjonali huma eċċezzjonali, għal żmien u ambitu limitati, u akkumpanjati minn pjan bi stadji definiti b'mod ċar għall-applikazzjoni tal-acquis. Ma għandhomx jinvolvu emendi għar-regoli jew il-politika tal-UE, iħarbtu l-funzjonament korrett tagħhom, jew iwasslu għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni. L-UE tiegħu nota li l-Albanija biħsiebha tadotta Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Speċifiċi għal Direttivi/Regolamenti (DSIPs/RSIPs) bħala parti integrali mill-pożizzjoni ta' negozjar tal-Albanija, u tissottolinja li dan huwa prerekwiżit għal aktar ħidma fuq il-perjodi tranżizzjonali b'mod partikolari sabiex jiġu pprovduti pjanijiet kontinwi, dettaljati u bbaġitjati għall-allinjament mad-direttivi/regolamenti kkonċernati. L-UE tissottolinja l-importanza li, sabiex tiffaċilita eżami sostantiv tat-talbiet, l-Albanija tissottometti DSIPs/RSIPs fi stadju bikri tan-negozjati u tinkludi fihom l-elementi kollha msemmija hawn taħt.

Il-preżentazzjoni ta' dawn id-DSIPs/RSIPs ma tippreġudikax il-pożizzjoni tal-UE dwar l-aċċettazzjoni tat-talbiet tal-Albanija għall-perjodi tranżitorji mitluba. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija ser tirrapporta regolarment dwar l-implimentazzjoni tad-DSIPs/RSIPs.

1. Kapitolu 14 – Politika tat-Trasport

L-UE tinnota l-isforzi li għamlet l-Albanija biex tallinja mal-acquis tal-UE fit-**trasport bit-triq** u tenfasizza li huwa meħtieġ aktar progress.

L-UE tinnota li l-Albanija jeħtieġ li tallinja bis-sħiħ mad-Direttiva dwar il-Eurovignette¹, id-Direttiva dwar is-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS)², u l-acquis relatat mat-tariffi u l-miżuri ta' kriżi³, il-vetturi nodfa⁴, is-sistema ta' trasport intelliġenti (STI)⁵ u l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (AFIR)⁶. Il-leġiżlazzjoni tal-Albanija bħalissa hija allinjata biss parzjalment mal-leġiżlazzjoni dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet⁷. Filwaqt li d-definizzjonijiet huma konformi mad-Direttiva, elementi essenzjali bħar-rekwiżiti tal-piż u tat-tul għadhom ma ġewx inkorporati fid-dritt nazzjonali.

¹ Id-Direttiva 1999/62/KE.

² Id-Direttiva (UE) 2019/520.

³ Ir-Regolament (KEE) 4058/89 u r-Regolament (KEE) 3916/90.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/1161.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2010/40.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 2023/1804.

⁷ Id-Direttiva 96/53/KE.

L-UE tenfasizza l-ħtieġa għal aktar allinjament u għall-istabbiliment ta' punti ta' aċċess nazzjonali, kif meħtieġ skont l-acquis preċedenti dwar STI.

L-UE tinnota b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Albanija biex tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-acquis tal-UE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq. L-UE tfakkar li fil-qasam tas-sinjali distintivi u dwar is-sikurezza fit-toroq, il-leġiżlazzjoni għad trid tiġi allinjata bis-sħiħ mal-acquis tal-UE, inkluż mad-Direttiva dwar l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq⁸.

L-UE tinnota b'sodisfazzjon l-allinjament tal-Albanija mal-acquis dwar it-taħriġ tas-sewwieqa⁹ u tilqa' l-allinjament irrappurtat tagħha mal-acquis dwar il-liċenzji tas-sewqan¹⁰. L-UE tenfasizza li jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi allinjata bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar id-dimensjoni u l-piż tal-vetturi¹¹. L-UE tenfasizza l-ħtieġa għal allinjament mal-acquis tal-UE dwar l-operaturi tat-toroq¹² u l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija¹³. L-UE tenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-acquis dwar it-trasport internazzjonali tal-passiġġieri¹⁴ b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti bil-Pakkett dwar il-Mobilità I.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mad-dispożizzjonijiet soċjali, inkluż il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ¹⁵, u tistieden aktar sforzi lejn implimentazzjoni sħiħa. L-UE thegġegħ lill-Albanija tiżgura implimentazzjoni sħiħa dwar it-takografi u tlesti t-tranżizzjoni lejn il-verżjoni intelliġenti.

Dwar it-**trasport ferrovjarju**, l-UE tilqa' l-passi meħuda għas-separazzjoni tal-ġestjoni tal-infrastruttura u l-operazzjonijiet ferrovjarji, li hija l-pedament taż-żona ferrovjarja unika Ewropea. L-UE thegġegħ it-titjib kontinwu fis-sikurezza ferrovjarja, il-qafas istituzzjonali u l-istandards tal-interoperabbiltà, kif ukoll kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA). L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-Albanija tallinja man-Network Ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv¹⁶ u timplimentah, u b'hekk tiżgura integrazzjoni akbar fin-network tat-trasport tal-UE.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/413.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2022/2561.

¹⁰ Id-Direttiva 2006/126/KE.

¹¹ Billi ċerti valuri għall-vetturi heavy-duty huma differenti minn dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE.

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 u r-Regolament (UE) Nru 361/2014.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

¹⁶ Id-Direttiva 2012/34/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2016/2370, u l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.

L-UE tistieden lill-Albanija tallinja ruħha mad-**direttiva dwar it-trasport ikkombinat**¹⁷ inkluż allinjament sħiħ mal-bidla tal-UE lejn it-trasport bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma.

L-UE tilqa' l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar id-**drittijiet tal-passiġġieri** tal-ajru u tteġġegħ lill-Albanija tkompli tallinja mad-drittijiet tal-passiġġieri fuq ix-xarabank u l-kowċ, it-trasport fuq l-ilma u l-ferroviji¹⁸, inkluż id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi, kif ukoll dwar it-tisħiħ tal-korpi tal-infurzar u l-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza.

L-UE tinnota l-progress tal-Albanija fl-allinjament mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-**avjazzjoni** fir-rigward tal-aċċess għas-suq. L-UE tilqa' l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar l-imposti tal-ajruporti, u s-servizzi fuq l-art. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tallinja mal-acquis dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-ajrudromi, l-ekwipaġġi tal-ajru, id-droni, is-sigurtà tal-informazzjoni, is-servizzi, ir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), l-operazzjoni tas-suq, l-istorbju ambjentali, il-ħin tax-xogħol, is-sigurtà tal-avjazzjoni, kif ukoll dwar ir-rappurtar tal-okkorrenzi u l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti u l-inċidenti fl-avjazzjoni. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u tenfasizza l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi ta' allinjament f'dan il-qasam.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar it-**trasport marittimu u s-sigurtà marittima** u tinkoraġġixxi aktar titjib fil-qafas legali tagħha dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-aktar fl-interoperabbiltà, ir-rappurtar u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar il-portijiet marittimi u s-sikurezza marittima, inkluż oqsma bħall-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti tal-Komunità, ir-rekwiżiti tad-disinn tat-tankers u l-kontroll tal-istat tal-bandiera. L-UE tteġġegħ sforzi kontinwi għall-allinjament mal-acquis biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali u t-tniġġis, filwaqt li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti.

¹⁷ Id-Direttiva 92/106/KEE.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011, ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010, ir-Regolament (UE) Nru 2021/782.

L-UE tilqa' it-tneħħija tal-Albanija mil-"lista s-sewda" tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (MtQ ta' Pariġi) u tinnota li issa hija mqiegħda fil-"lista l-griża". L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija taċċellera l-allinjament tagħha mal-acquis dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u tistedinha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tissieħeb fil-MtQ ta' Pariġi.

L-UE thegħgeġ lill-Albanija tallinja ruħha bis-sħiħ mal-acquis dwar it-tisħiħ tas-sigurtà fil-portijiet¹⁹ u mar-Regolament dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet²⁰, li jmorru lil hinn mill-Miżuri Obbligatorji Internazzjonali tal-Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Port tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-UE tinnota li l-Albanija ma għandhiex **passaġġi fuq l-ilma interni** navigabbli, b'navigazzjoni rikreattiva biss fil-lagi, u li ma għandha ebda baċir kondiviż mal-UE, għalkemm hemm stabbiliti ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport għal-lagi mal-Maċedonja ta' Fuq u l-Montenegro. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tallinja mal-acquis dwar il-bastimenti, l-aċċess għas-suq, l-impjiegi u l-ħiliet u l-istandards ambjentali. L-acquis dwar is-sistemi ta' informazzjoni tax-xmajjar ma japplikax għall-Albanija ħlief jekk il-pajjiż biħsiebu jintegra l-lagi tiegħu fin-Networks trans-Ewropej tat-Trasport.

L-UE tenfasizza l-importanza li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet ambjentali fis-settur tat-trasport u tistieden lill-Albanija tinkludihom matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasport.

L-UE thegħgeġ lill-Albanija tkompli **tigħgieled il-korruzzjoni fil-qasam tal-politika tat-trasport**, permezz ta' miżuri konkreti għall-integrità, l-irfigħ tar-responsabbiltà u t-trasparenza inkluż fil-kuntratti pubbliċi, il-liċenzjar u l-permessi, kif ukoll l-ispezzjonijiet.

¹⁹ Id-Direttiva (KE) 2005/65

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004

2. Kapitolu 15 – Enerġija

Fir-rigward tal-**leġislazzjoni orizzontali dwar l-enerġija**, l-UE tilqa' il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) tal-Albanija għall-2021-2030 u tistieden lill-Albanija tiffinalizza r-rieżami u l-aġġornament tiegħu skont il-miri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Komunità tal-Enerġija għall-2030. L-UE thegħgeġ lill-Albanija tkompli tallinja l-leġislazzjoni nazzjonali tagħha mar-Regolament dwar il-Governanza²¹ u tipprovdi rekord ta' implimentazzjoni.

L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jiġu inkorporati l-miri tal-**effiċjenza fl-enerġija** tal-Komunità tal-Enerġija għall-2030. L-UE thegħgeġ lill-Albanija taċċellera l-allinjament leġislattiv u istituzzjonali tagħha mal-acquis tal-UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika²² u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Energija²³ inkluż il-penali applikabbli meħtieġa. L-UE tistieden lill-Albanija tkompli tiżviluppa l-leġislazzjoni tagħha billi timplimenta strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul u tallinja mal-istandards tal-ekodisinn u tal-prodotti. L-UE tinnota b'sodisfazzjon l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar it-tikkettar tal-enerġija²⁴, pass li jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija.

L-UE tilqa' l-ambizzjoni tal-Albanija fil-miri għall-**enerġija rinnovabbli** u tenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffinalizzat l-allinjament tagħha mal-acquis dwar l-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari dwar il-bijokarburanti. L-UE tissottolinja l-importanza li jiġi kkompletat l-acquis tal-UE²⁵ li jippermetti li titħaffef l-introduzzjoni ta' enerġija rinnovabbli. L-UE tistieden lill-Albanija tiżgura l-kapaċità tagħha li tippromwovi enerġija minn sorsi rinnovabbli²⁶.

L-UE thegħgeġ lill-Albanija tiżgura s-**sigurtà tal-provvista** tal-gass, l-elettriku u ż-żejt filwaqt li żżomm biżżejjed ħażniet u tibda toħloq dawn il-ħażniet. Fir-rigward tal-gass, l-UE tistieden lill-Albanija timplimenta d-dispożizzjonijiet essenzjali dwar il-mekkaniżmu għall-qsim tal-piżijiet u tlesti l-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni. Fir-rigward tal-elettriku, l-UE tistieden ukoll lill-Albanija tallinja ruħha mal-acquis dwar it-tħejjija għar-riskji²⁷. L-UE tenfasizza l-importanza ta' aktar allinjament mal-acquis dwar il-ħażniet taż-żejt²⁸.

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1999

²² Id-Direttiva (UE) 2018/2002

²³ Id-Direttiva 2010/31/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844. Dan il-qafas legali tħassar bid-Direttiva (UE) 2024/1275 (riformulazzjoni)

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/1369

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 2022/2577

²⁶ Id-Direttiva (UE) 2023/2413 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 2019/941

²⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE

L-UE tinnota l-progress tal-Albanija b'rabta mal-**Pakkett dwar l-Integrazzjoni tal-Elettriku**²⁹ u thegheg allinjament u implimentazzjoni sħaħ. L-UE tilqa' is-separazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-Operatur tas-Sistemi ta' Trażmissjoni u tenfasizza l-passi meħuda biex jiġi stabbilit suq tal-elettriku kompetittiv. L-UE thegheg lill-Albanija tallinja ruħha mal-allokazzjoni tal-kapaċitajiet u l-ġestjoni tal-konġestjoni (CACM), il-linji gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku u l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, il-linji gwida dwar it-tħaddim tas-sistema u l-kodiċi tan-network għall-emerġenzi u r-restawr, u timplimenta suq tal-istess ġurnata biex tintegra aktar mas-sistemi tal-elettriku reġjonali u tal-UE.

L-UE tinnota l-isforzi tal-Albanija biex tallinja ruħha mal-acquis dwar is-**suq intern tal-gass**³⁰ u thegheg implimentazzjoni sħiħa, b'mod partikolari tal-mudell "full-REMIT", u tar-rekwiżiti tal-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Energija³¹. L-UE tenfasizza l-implimentazzjoni kontinwa tar-regoli tas-suq tal-gass naturali bis-setgħat tal-Entità Regolatorja tal-Enerġija (ERE).

L-UE tirrikonoxxi l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-**acquis tal-Euratom** dwar is-**sikurezza u s-salvagwardji nukleari u tar-radjazzjoni**. L-UE tistieden lill-Albanija tlesti l-allinjament leġiżlattiv, istituzzjonali u operazzjonali tagħha mar-rekwiżiti tal-Euratom. Dan jinkludi li tiżgura li l-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja kollha tal-Euratom – applikabbli għall-Istati Membri kollha tal-UE kemm jekk jiġġeneraw enerġija nukleari kif ukoll jekk le – tiġi integrata b'mod adegwat fil-liġijiet nazzjonali tagħha. Barra minn hekk, l-UE thegheg lill-Albanija żżid l-isforzi tagħha biex tingħaqad mas-Sistema komunitarja ta' skambju ta' informazzjoni radjoloġika urġenti (ECURIE) u l-Pjattaforma tal-UE għall-iskambju ta' data radjoloġika (EURDEP). L-UE thegheg lill-Albanija tkompli **tiġġieled il-korruzzjoni fil-qasam tal-politika tal-enerġija**, permezz ta' miżuri konkreti għall-integrità, l-irfiġh tar-responsabbiltà u t-trasparenza inkluż fil-kuntratti pubbliċi, il-liċenzjar u l-permessi, kif ukoll l-ispezzjonijiet.

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/944/, ir-Regolament (UE) 2019/943, ir-Regolament (UE) 2019/942 u r-Regolament (UE) 2019/941

³⁰ Id-Direttiva 2009/73/KE inkluż il-kodiċijiet tan-network tal-gass, ir-Regolamenti (UE) 2017/460, ir-Regolament (UE) 2017/459, u r-Regolament (UE) 703/2015, ir-Regolament (UE) 1227/2011

³¹ Ir-Regolament (UE) 2019/942

3. Kapitolu 21 – Networks trans-Ewropej

L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar in-**Networks trans-Ewropej tal-Enerġija (TEN-E)**. L-UE tistieden lill-Albanija tistabbilixxi ppjanar tal-infrastruttura għal medda ta' żmien fit-tul, twettaq l-istrateġiji meħtieġa, tinvestiga l-potenzjal ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-iżvilupp ta' grilji assoċjati, u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u t-trasport kif ukoll tivvaluta l-ħtiġijiet ta' investiment fl-infrastruttura b'mod partikolari fit-trażmissjoni, il-ħżin u l-grilji intelliġenti tal-elettriku. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija ttejjeb l-effiċjenza u l-konformità ambjentali tal-permessi għall-infrastruttura.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija man-**Networks trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T)** u thegġegħ lill-pajjiż jallinja ruħu bis-sħiħ mal-acquis relatat tal-UE u jinfurzah fil-modi kollha tat-trasport. L-UE tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-Albanija għar-Regolament TEN-T il-ġdid³², li daħal fis-seħħ fl-2024. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li l-Albanija ssaħħaħ il-qafas istituzzjonali u l-kapaċità amministrattiva tagħha għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tat-TEN-T. L-UE thegġegħ ukoll lill-Albanija tiżviluppa l-proġetti prijoritarji futuri tat-TEN-T u tkompli bil-progress lejn it-tlestija tal-proġetti b'rabta mal-Kuritur Ewropew tat-Trasport bejn il-Balkani tal-Punent u l-Lvant tal-Mediterran.

L-UE thegġegħ lill-Albanija tkompli **tiġġieled il-korruzzjoni fil-qasam tan-Networks trans-Ewropej**, permezz ta' miżuri konkreti għall-integrità, l-irfiġh tar-responsabbiltà u t-trasparenza inkluż fil-kuntratti pubbliċi, il-liċenzjar u l-permessi, kif ukoll l-ispezzjonijiet.

4. Kapitolu 27 – Ambjent u Tibdil fil-Klima

L-UE thegġegħ lill-Albanija tiżgura li l-ħtiġijiet għall-protezzjoni ambjentali jkunu integrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politiki settorjali oħrajn u li jiġi promoss żvilupp li jkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-UE tfakkar ukoll li l-investimenti l-ġodda kollha għandhom jirriflettu diġà l-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali, f'konformità mal-acquis.

³² Ir-Regolament (UE) 2024/1679

L-UE tinnota li l-Albanija għamlet xi progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-**leġislazzjoni orizzontali ambjentali**, spiss imsejħa "stat tad-dritt ambjentali", iżda tissottolinja li l-Albanija teħtieġ ittejjeb sostanzjalment l-allinjament leġislattiv u l-implimentazzjoni f'dan is-settur. L-UE tissottolinja li l-ispezzjonijiet u l-kapaċità tal-infurzar għandhom jissaħħu, speċjalment sabiex ir-reati ambjentali jiġu evitati u indirizzati b'mod aktar effettiv. L-UE tinnota li jenħtieġ aktar allinjament fir-rigward tal-valutazzjonijiet ambjentali ta' pjanijiet, programmi u proġetti. L-UE thegħġegħ lill-Albanija tiżgura allinjament u implimentazzjoni effettivi tad-Direttiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali³³ u d-Direttiva dwar il-valutazzjoni ambjentali strategika³⁴, billi twettaq valutazzjonijiet tal-impatt inklużivi biex tiggarrantixxi li l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi pubbliċi rilevanti kif ukoll l-approvazzjoni ta' diversi proġetti pubbliċi u privati jikkonformaw mal-acquis tal-UE dwar il-valutazzjonijiet ambjentali, bl-involviment effettiv tal-pubbliku fit-tfassil ta' proġetti u pjanijiet marbuta mal-ambjent. Biex tappoġġa dan, l-Albanija mhegħga ssaħħaħ il-kapaċità u l-istrutturi amministrattivi tagħha, u tinvesti riżorsi sostanzjali.

L-UE tinnota li l-emendi għal-liġi dwar iż-Żoni Protetti (il-Liġi Nru 21/2024) u l-estensjoni tal-leġislazzjoni tal-2015 dwar l-investimenti strateġiċi qajmu tħassib billi dawn iwasslu għal investiment estensiv għat-turiżmu u għall-industrija f'żoni protetti u issa jippermettu attivitajiet li jirriskjaw li jikkompromettu l-valuri ekoloġiċi u dawk marbuta mal-bijodiversità tal-Albanija, inkluż siti potenzjali ta' Natura 2000, f'kunflitt mal-istandards tal-UE.

L-UE tilqa' l-impenn tal-Albanija li tallinja mad-Direttiva dwar il-valutazzjoni ambjentali strateġika sal-2026 u mad-Direttiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali sal-2027, flimkien mal-intenzjoni tagħha li fl-2027 tadotta Pjan ta' Azzjoni li jinkludi tisħiħ tal-kapaċitajiet, pjan direzzjonali, u monitoraġġ. L-UE tieħu nota wkoll tal-intenzjoni tal-Albanija li sal-2027 tiżgura li l-investimenti u l-valutazzjonijiet ambjentali kollha fl-infrastruttura jikkonformaw bis-sħiħ mal-acquis tal-UE u jinvolvu koordinazzjoni u evalwazzjoni tal-impatt xierqa.

³³ Id-Direttiva 2011/92/UE, emendata bi 2014/52/UE

³⁴ Id-Direttiva 2001/42/KE

L-UE tinnota wkoll li l-progress tal-Albanija fl-allinjament mal-acquis ta' Aarhus, b'mod partikolari fl-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika, u l-aċċess għall-ġustizzja, u thegħeġ lill-pajjiż ikompli b'dawn l-isforzi. Tenfasizza l-ħtieġa għal aktar attenzjoni biex jiġi żgurat li l-pubbliku, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ikun jista' jikkontesta l-pjanijiet u tappella lill-Albanija biex tiegħu azzjoni rapida biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, f'konformità mal-acquis ta' Aarhus. L-UE ttenni li huwa daqstant importanti li jiġi żgurat l-aċċess għall-qradi nazzjonali għall-individwi u l-NGOs f'konformità mal-istandards stabbiliti ta' aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, anki, fost oħrajn, fis-setturi tan-natura, tal-kwalità tal-arja u tal-ilma, fejn m'hemmx dispożizzjonijiet leġiżlattivi sekondarji espliċiti tal-UE, iżda biss ġurisprudenza. Madankollu, l-UE hija mħassba li fil-prattika, proġetti akbar ta' investiment fl-infrastruttura pproċedew mingħajr proċessi adegwati ta' trasparenza u konsultazzjoni.

L-UE tissottolinja l-allinjament tal-Albanija mad-Direttiva INSPIRE³⁵ u tistedinha tkompli tiżviluppa l-infrastruttura tad-data ġeografika tagħha u tagħmel id-data ambjentali ġeospazjali disponibbli u aċċessibbli. L-UE tilqa' wkoll l-istabbiliment ta' grupp interistituzzjonali kontra l-kriminalità ambjentali u tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tallinja ruħha mad-Direttiva dwar ir-reati ambjentali³⁶. L-UE tissottolinja wkoll li jenħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali³⁷. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tipparteċipa attivament fin-networks eżistenti ta' prattikanti tal-infurzar ambjentali tal-UE (jiġifieri IMPEL, ENPE, EUFJE u EnviCrimeNet) u tenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet u r-reżiljenza kontra tentattivi għal influwenza mhux dovuta ta' atturi tul il-katina tal-infurzar, bħall-ispettorati ġudizzjarji u ambjentali. L-UE tinnota li l-Albanija bbenefikat minn inizzjattivi tal-Programm LIFE u hija interessata li fil-futur tkun assoċjata bis-sħiħ mal-Programm. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li jiġi pprovdut ippjanar finanzjarju kredibbli għall-implimentazzjoni futura tal-acquis.

³⁵ Id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE).

³⁶ Id-Direttiva (UE) 2024/1203

³⁷ Id-Direttiva 2004/35/KE

L-UE tinnota li l-Albanija għandha bżonn tagħmel aktar sforzi biex issaħħaħ l-allinjament tagħha mal-acquis tal-UE dwar il-**kwalità tal-arja**, inkluż billi testendi u ttejjeb is-sistema tal-monitoraġġ tal-arja. L-UE thegġegħ lill-Albanija tkompli bl-isforzi tagħha fl-allinjament u l-implimentazzjoni tal-acquis dwar il-kwalità tal-arja, issaħħaħ is-sistema u l-istrutturi ta' monitoraġġ eżistenti inkarigati mill-ġbir u l-ipproċessar tad-data u mir-rappurtar futur lill-Kummissjoni, issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, u tinvesti fir-riżorsi umani meħtieġa u fit-tagħmir. L-UE tenfasizza li l-Albanija teħtieġ tkompli tagħmel aktar sforzi biex tnaqqas it-tniġġis tal-arja. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li taġġorna l-istrateġija u l-pjan ta' ġestjoni tagħha dwar il-kwalità tal-arja sal-2026, tespandi l-monitoraġġ u tiżviluppa l-immudellar sal-2028, u tiżgura aċċess pubbliku f'ħin reali għad-data dwar il-kwalità tal-arja sal-2027. L-UE thegġegħ ukoll lill-Albanija tirtatifika l-Protokoll ta' Gothenburg għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila qabel l-adeżjoni.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 13 u l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2024/2881 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa sal-2036 jew għal 6 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'sostenn għal din it-talba. L-UE tistieden lill-Albanija terġa' tikkunsidra t-talba tagħha dwar l-Artikolu 19. L-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba rigward l-Artikolu 13 u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-mezzi disponibbli għall-monitoraġġ;
- b. Il-livelli attwali ta' sustanzi li jniġġsu;
- c. L-għodod disponibbli bħalissa għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet;
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE, inkluż it-tqarrib gradwali lejn il-valuri limitu li jridu jintlaħqu.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 4 u l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva NEC) sal-2036 jew għal perjodu ta' 6 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'sostenn għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-emissjonijiet fl-atmosfera u l-isforzi li qed isiru biex jitnaqqsu;
- b. Id-diffikultajiet li qed issib biex tilħaq il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet;
- c. L-għodod disponibbli bħalissa għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet;
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE inkluż it-tqarrib gradwali lejn il-valuri limitu li jridu jintlaħqu.

L-UE tinnota l-livell tajjeb ta' allinjament tal-Albanija għall-komponenti organiċi volatili (VOC) fiż-żebgħa u l-livell parzjali ta' allinjament tagħha għall-emissjonijiet ta' VOCs. L-UE thegġegħ lill-Albanija timplimenta d-Direttivi u tiddedika riżorsi finanzjarji u umani xierqa.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz u mill-Artikolu 3, il-paragrafu 1, l-Artikolu 4, il-paragrafu 1, l-Artikolu 5, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 6, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 94/63/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz sal-2036 jew għal perjodu ta' 6 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tinnota l-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għaż-żewġ talbiet tagħha fil-qasam tal-acquis dwar il-komposti organiċi volatili. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tiegħu pożizzjoni fuq din it-talba u tistieden lill-Albanija tagħti d-DSIPs dettaljati rispettivi fosthom:

- a. Is-sitwazzjoni attwali u t-teknoloġiji disponibbli għall-Komposti Organiċi Volatili;
- b. L-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-UE;
- c. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija hija allinjata biss parzjalment mal-acquis dwar il-**ġestjoni tal-iskart** u jeħtieġ li tagħmel sforzi kbar biex tikseb progress f'dan is-settur, inkluż billi tivvaluta l-impatti ambjentali kemm tal-ġenerazzjoni tal-iskart kif ukoll tal-ipproċessar tat-trattament tal-iskart. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart³⁸, id-Direttiva dwar l-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku³⁹, ir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ⁴⁰ u l-biċċa l-kbira tal-acquis tal-UE dwar l-iskart. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm allinjament mal-acquis⁴¹ dwar il-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss. L-UE tinnota wkoll l-acquis il-ġdid dwar l-iskart fl-oqsma tal-Vjeġġi ta' Skart⁴² u l-Batteriji⁴³ li jintroduċu rekwiżiti aktar stretti ta' sostenibbiltà u ġestjoni tal-iskart. L-UE thegħgeġ aktar inklużjoni tal-aspetti tal-ekonomija ċirkolari, speċjalment il-kunsiderazzjoni ta' aspetti mhux relatati mal-iskart taċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti.

L-UE tinnota l-impenn tal-Albanija li ssaħħaħ il-livell ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart u li ttejjeb u ssaħħaħ is-sistema interna tal-ġestjoni tal-iskart, inkluż l-operazzjonalizzazzjoni tal-aġenzija nazzjonali tal-iskart, u b'hekk fl-2025 tadotta liġi ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart kif ukoll liġi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi.

³⁸ Id-Direttiva 2008/98/UE

³⁹ Id-Direttiva 2012/19/UE

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2025/40. Id-Direttiva 94/62/KE hija mħassra b'effett mit-12 ta' Awwissu 2026, b'eċċezzjonijiet speċifiċi kif iddikjarat fl-Artikolu 70 tar-Regolament.

⁴¹ Id-Direttiva 2019/904/UE

⁴² Ir-Regolament (UE) 2024/1157

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2023/1542

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 11 u 22 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE, sal-2036 jew għal perjodu ta' 6 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tinnota l-informazzjoni sottomessa mill-Albanija b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija ttipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali b'rabta mal-isfidi tal-ġestjoni tal-iskart, inkluż kwistjonijiet ta' infrastruttura u ġbir;
- b. Restrizzjonijiet finanzjarji u tekniċi għall-ġbir tal-bijoskart mal-pajjiż kollu sal-2030;
- c. Investimenti ewlenin, inkluż projezzjonijiet tal-kostijiet, meħtieġa għal sistema integrata ta' ġestjoni tal-iskart;
- d. Strateġiji biex jiżdiedu l-għarfien u l-parteciġazzjoni tal-pubbliku;
- e. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-miri tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 50 u 52 tar-Regolament (UE) 2025/40 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, sal-2040 jew għal perjodu ta' 10 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi RSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Ir-riċiklaġġ għal materjali ewlenin u l-kostijiet tat-trasport relatati;
- b. L-investment meħtieġ biex jintlaħaq l-acquis tal-UE.
- c. L-iżvilupp tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur;
- d. Il-fluttwazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ minħabba t-turiżmu;
- e. L-isfidi fl-implimentazzjoni ta' skema ta' rifużjoni tad-depożiti u fl-appoġġ għall-SMEs tar-riċiklaġġ;
- f. Strateġiji biex jiżdiedu l-għarfien u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;
- g. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill sal-2036 jew għal 6 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. L-isfidi fid-devjazzjoni tal-landfills u t-trattament minn qabel tal-iskart;
- b. L-investment meħtieġ għar-rimi tal-iskart muniċipali fil-landfills, u r-riċiklaġġ u l-irkupru tiegħu biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-acquis tal-UE;
- c. Il-kapaċitajiet ta' riċiklaġġ u l-kostijiet tal-esportazzjoni.
- d. L-istatus tal-pjanijiet għall-ikkompostjar tal-iskart ekoloġiku u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel;
- f. Strateġiji biex jiżdiedu l-għarfien u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;
- g. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota l-progress tal-Albanija biex tissodisfa l-acquis tal-UE dwar il-**kwalità tal-ilma** u tissottolinja l-importanza li jiġu allokat i r-riżorsi amministrattivi u finanzjarji meħtieġa biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva. L-UE tinnota wkoll l-allinjament leġiżlattiv tal-Albanija mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD). L-UE thegħegħ il-finalizzazzjoni tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġar tal-Baċini tax-Xmajjar għad-Distretti kollha tal-Baċini tax-Xmajjar, u l-iżgurar ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tagħhom. L-UE tinnota wkoll il-qafas istituzzjonali strutturat tajjeb tal-Albanija b'rabta mat-Trattament tal-Ilma Mormi Urban kif ukoll il-ħtiġijiet sostanzjali ta' investiment u kapaċità f'dak il-qasam. L-UE tenfasizza l-importanza li jinżammu standards għoljin tal-kwalità tal-ilma biex jiġiharsu s-saħħa pubblika u l-ambjent. L-UE tfakkar fl-importanza ta' ilma tax-xorb sikur u nadif. L-UE thegħegħ ukoll lill-Albanija tallinja ruħha aktar mad-dispożizzjonijiet tal-acquis⁴⁴ dwar l-Ilma tax-Xorb. L-UE tenfasizza li l-Albanija jeħtieġ li jkollha pjanijiet stabbiliti biex tirrispondi malajr u b'mod effiċjenti għall-għargħar. L-UE thegħegħ lill-Albanija tieħu azzjoni fuq siti għall-għawm bi klassifikazzjoni ħażina billi timplimenta miżuri ta' ġestjoni xierqa u, fejn meħtieġ, timponi projbizzjonijiet fuq l-għawm, f'konformità mal-acquis⁴⁵ dwar l-ilma għall-għawm. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li tiġi żviluppata sistema operazzjonali ta' monitoraġġ tal-ilma biex tidentifika il-mijiet imniġġsa u tindika żoni vulnerabbli għan-nitrati.

L-UE tenfasizza li l-Albanija teħtieġ tallinja mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u talloka biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni tagħha. L-UE thegħegħ lill-Albanija taċċellera l-progress fuq id-Direttiva dwar l-Ilma ta' taħt l-Art, bl-għan ta' allinjament sħiħ, u biex issaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi u tekniċi tagħha. L-UE tistieden lill-Albanija ttejjeb l-allinjament tagħha mal-acquis⁴⁶ dwar l-istandards ta' kwalità ambjentali billi tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u ttejjeb il-kapaċitajiet.

L-UE tenfasizza li minkejja progress notevoli fid-Direttiva dwar l-Għargħar jeħtieġ li l-Albanija jkollha pjanijiet stabbiliti biex tirrispondi malajr u b'mod effettiv għall-għargħar, flimkien mat-tkompliġja tal-koordinazzjoni mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili msaħħa, u konsultazzjonijiet li għaddejjin biex jiġu indirizzati sfidi futuri.

⁴⁴ Id-Direttiva (UE) 2020/2184

⁴⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/321/UE

⁴⁶ Id-Direttiva 2008/105/KE

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 4, 8, 11, 13, 16 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE. L-UE tinnota li l-Albanija ser tipprovdi t-tul tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara t-tlestija tad-DSIP.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-kwalità tal-ilma u l-pjanijiet għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma;
- b. L-infrastruttura ewlenija għall-faċilitajiet tat-trattament tal-ilma, l-isfidi legali u istituzzjonali tal-acquis tal-UE;
- c. Dettalji dwar is-sikurezza tal-ilma, il-monitoraġġ tal-kwalità, u s-sustanzi niġġiesa emerġenti;
- d. L-investment meħtieġ, il-kostijiet u l-iskeda ta' żmien għal azzjonijiet fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila;
- e. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-miri tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi fl-2027, sal-2050 jew għal 20 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jirrifletti r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban riformulata (UE) 2024/3019 li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-faċilitajiet eżistenti tat-trattament tal-ilma;
- b. Investimenti u miżuri ta' bini tal-kapaċità biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban;
- c. Obiettivi intermedji ewlenin għall-għbir u t-trattament tal-ilma mormi sal-2040 u l-2050;
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 5, 14 u l-Anness I, il-Partijiet A u C tad-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, sal-2040 jew għal perjodu ta' 10 snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għat-talba tagħha. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-kwalità tal-ilma tax-xorb u l-pjanijiet għall-monitoraġġ;
- b. L-għoti ta' prijarità lill-investiment, il-finanzjament, u l-pjanijiet tal-perjodu tranżitorju li jindirizzaw l-isfidi amministrattivi, tal-finanzjament u tal-affordabbiltà;
- c. Sforzi finanzjarji u strateġiji ta' bini tal-kapaċità;
- d. Obiettivi intermedji għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma, il-konformità, u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskji sal-2040;
- e. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tad-Direttiva 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli. L-UE tinnota li l-Albanija ser tipprovdi t-tul tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara t-tlestija tad-DSIP.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. L-identifikazzjoni ta' ilmijiet imniġġsa jew ilmijiet f'riskju ta' tniġġis u l-indikazzjoni ta' Żoni Vulnerabbli għan-Nitrati;

- b. L-iżvilupp ta' kodiċijiet volontarji tal-prattika agrikola u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni obbligatorji għall-bdiewa;
- c. Il-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma għall-kontroll tat-tniġġis min-nitrati u l-limitazzjoni tal-applikazzjoni tan-nitroġenu mid-demel;
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament. L-UE tinnota li l-Albanija ser tipprovdi t-tul tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara t-tlestija tad-DSIP.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-istatus tal-ilma ta' taħt l-art (skeda ta' żmien għall-applikazzjoni ta' standards ta' kwalità għall-ilma ta' taħt l-art fl-UE kollha u għall-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-valuri ta' limitu nazzjonali).
- b. L-identifikazzjoni ta' tendenzi sinifikanti u sostnuti ta' żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li jkunu friskju u d-definizzjoni tal-punti tat-tluq għat-treġġiġh lura tat-tendenzi.
- c. Miżuri biex tiġi evitata jew limitata l-introduzzjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma ta' taħt l-art.
- d. Appoġġ għall-proċess ta' karatterizzazzjoni, delineazzjoni u valutazzjoni tal-istatus fil-livell tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art
- e. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju għall-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet deskritti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2007/60/KE, dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar. L-UE tinnota li l-Albanija ser tipprovdi t-tul tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara t-tlestija tad-DSIP.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa aktar informazzjoni dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. It-tlestija tal-mapep pendenti ta' perikli u riskji ta' għargħar;
- b. Il-finalizzazzjoni tal-pjanijiet għaż-żoni ta' riskju ta' għargħar u l-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-baċini tax-xmajjar;
- c. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet kollha, peress li bħalissa għaddej wieħed biss;
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' liġijiet sekondarji għall-ġestjoni tar-riskji tal-għargħar u l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE.

L-UE tfakkar fl-importanza tal-**protezzjoni tan-natura** għall-protezzjoni tal-bijodiversità tal-Ewropa. L-UE thegħeġ l-allinjament mal-acquis dwar l-Għasafar Selvagġi⁴⁷ u l-Habitats⁴⁸ u thegħeġ monitoraġġ effettiv, ġbir ta' data, u responsabbiltajiet ċari tal-awtoritajiet, anke fil-livell muniċipali. Jeħtieġ li l-Albanija tlesti l-allinjament mal-obbligi kollha skont dawn id-Direttivi u taċċellera l-implimentazzjoni. L-UE tesprimi tħassib serju li l-Liġi emendata dwar iż-Żoni Protetti tippermetti proġetti ta' infrastruttura li jistgħu jheddu l-bijodiversità u s-siti ta' Natura 2000 u thegħeġ lill-Albanija tieħu azzjoni immedjata biex tallinja l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti mal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tan-natura. L-UE thegħeġ ukoll allinjament mal-istandards tal-UE għall-preservazzjoni tan-natura. L-UE thegħeġ lill-Albanija tivvaluta b'mod suffiċjenti l-konformità tal-proġetti ta' infrastruttura mal-istandards tal-UE dwar il-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura qabel ma tħallihom jipproċedu. L-UE tistieden lill-Albanija ssaħħaħ il-proċessi tagħha għall-ġhoti ta' liċenzji u l-ispezzjoni u l-ġheluq ta' zoos mhux konformi u ttejjeb l-allinjament mar-Regolament CITES⁴⁹ billi tagħti spinta lill-monitoraġġ u l-infurzar. L-UE thegħeġ lill-Albanija tkompli tallinja ruħha mar-Regolamenti dwar l-ABS⁵⁰, dwar l-Injam⁵¹ u FLEGT⁵², ir-Regolament dwar il-Prodotti Assoċjati mad-Deforestazzjoni⁵³ u r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura⁵⁴, kif ukoll mal-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità.

⁴⁷ Id-Direttiva 2009/147/KE

⁴⁸ Id-Direttiva 92/43/KEE

⁴⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 338/97

⁵⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 511/2014

⁵¹ Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010

⁵² Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005

⁵³ Ir-Regolament (UE) 2023/1115

⁵⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1991

L-UE tissottolinja l-importanza li jiġi limitat l-impatt tas-**sustanzi kimiċi** fuq l-ambjent. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja ruħha mar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali⁵⁵ u talloka aktar riżorsi għall-ispezzjoni u l-infurzar. L-UE tenfasizza l-importanza tal-allinjament u l-implimentazzjoni tar-REACH⁵⁶, inkluż permezz tat-tisħiħ tar-riżorsi ta' spezzjoni, kif ukoll mar-Regolament ta' Kunsens Infurmat Minn Qabel⁵⁷, id-Direttiva dwar l-Asbestos⁵⁸ u r-Regolament dwar il-Merkurju⁵⁹. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tiffinalizza l-allinjament mas-CLP⁶⁰. L-UE tteġġegħ lill-Albanija tallinja ruħha mad-Direttiva dwar l-Esperimenti fuq l-Annimali b'attenzjoni partikolari għad-definizzjonijiet tagħha. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi biex isir allinjament mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar is-sustanzi niġġiesa organiċi persistenti (POPs), speċjalment fl-ispezzjoni u l-infurzar.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 26, 29, 33, 34, 43, 89(2-3), 94 (1), 95 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, sa massimu ta' 12-il xahar wara d-data tal-adeżjoni mal-UE.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba u l-UE tistieden lill-Albanija tipprovdi RSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Konformità mar-reġistrazzjoni tal-prodotti bijoċidali
- b. Kondiviżjoni ta' data
- c. Rikonoxximent reċiproku u awtorizzazzjonijiet
- d. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, inkluż l-introduzzjoni gradwali tal-acquis tal-UE

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012
⁵⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006
⁵⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012
⁵⁸ Id-Direttiva 2009/148/KE
⁵⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008
⁶⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

L-UE tinnota l-livell baxx ta' allinjament tal-Albanija mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar **it-tniġġis industrijali u l-ġestjoni tar-riskju**. L-UE thegġegħ lill-Albanija ssaħħa l-isforzi biex tallinja ma', timplimenta u tinforza d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) u r-Regolament dwar ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew) sabiex tilħaq approċċ għalkollox integrat u tissorvelja mill-qrib ir-reviżjoni taż-żewġ atti. L-UE tistieden lill-Albanija tieħu l-passi meħtieġa biex timplimenta b'mod konsistenti l-acquis ta' Seveso. L-UE thegġegħ ukoll allinjament rapidu dwar l-Asbestos b'mod partikolari fir-rigward tat-twaqqigħ ta' bini u l-ġestjoni tal-iskart. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tiżgura li l-ekotikkettar tagħha jsir l-Ekotikketta tal-UE wara l-adeżjoni. L-UE tistieden lill-pajjiż ukoll biex jintensifika l-isforzi b'rabta mal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS), jappoġġa lill-kumpaniji fl-adozzjoni tal-iskema u jwettaq kampanji ta' komunikazzjoni.

L-UE tieħu nota li l-Albanija talbet perjodu tranżitorju biex tkun eżentata mill-implimentazzjoni sħiħa ta' diversi Artikoli inklużi fil-Kapitoli II, III u V tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali għal [10] snin wara d-data tal-adeżjoni mal-UE. L-UE tieħu nota tal-informazzjoni sottomessa b'appoġġ għal din it-talba fil-qasam tat-tniġġis industrijali. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni dwar din it-talba. Din it-talba jeħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll għad-Direttiva (UE) 2024/1785 li temenda d-Direttiva msemmija hawn fuq u li ser tkun applikabbli mill-2026. L-UE tistieden lill-Albanija tipprovdi DSIP dettaljat li jinkludi:

- a. Is-sitwazzjoni attwali tal-livelli tal-emissjonijiet industrijali;
- b. L-istabbiliment ta' sistemi ta' monitoraġġ, rappurtar u għoti ta' permessi għal installazzjonijiet industrijali;
- c. Pjan biex l-impjanti industrijali jinġiebu f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, inkluż il-kostijiet projettati;
- d. Strateġija għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet li jużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT);
- e. L-investiment meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-acquis tal-UE;
- f. L-introduzzjoni gradwali u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mad-Direttiva dwar **l-Istorbju**. L-UE thegħegħ lill-Albanija tiddetermina liema toroq, ferroviji, ajruporti u agglomerazzjonijiet huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u theggi mapep strateġiċi tal-istorbju u pjanijiet ta' azzjoni dwar l-istorbju kif xieraq. L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni tal-Albanija fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-**Protezzjoni Ċivili** (UCPM). L-UE tinkoraġġiha tkompli ttejjeb is-sistema ta' protezzjoni ċivili tagħha. L-UE tistieden lill-Albanija torbot is-sistema nazzjonali tagħha ta' komunikazzjoni f'każ ta' emerġenza mas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS).

Dwar it-tibdil fil-klima, l-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija żżid l-allinjament leġiżlattiv tagħha mal-acquis tal-UE dwar il-klima li bħalissa huwa ta' livell limitat. L-UE tilqa' xi progress li nkiseb bl-adozzjoni mill-Albanija ta' Liġi dwar **il-Klima** u Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li l-Albanija tiżviluppa sforzi biex tkompli timplimenta sistema nazzjonali għall-istimar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tal-assorbiment tagħhom, u biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar skont ir-Regolament dwar il-Governanza. L-UE tistieden lill-Albanija tadotta strateġija fit-tul b'objettiv ta' newtralità klimatika sal-2050.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Albanija tkompli tallinja ruħha mal-acquis rilevanti dwar il-kwalità tal-fjuwils, b'mod partikolari dwar it-taħlitiet ta' bijofjuwils u ż-żejt tal-gass użati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja ruħha mal-acquis tal-UE dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu u Gassijiet Fluworurati.

L-UE tenfasizza l-importanza li l-Albanija tagħmel progress fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), b'mod partikolari fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar, il-verifika u l-akkreditazzjoni (MRVA)⁶¹, inkluż il-leġiżlazzjoni dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika għat-trasport marittimu⁶². L-UE tissottolinja li l-Albanija jeħtieġ li tallinja ruħha wkoll mal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar l-EU ETS, inkluż dik li tikkonċerna r-Reġistru tal-Unjoni, l-allokazzjoni bla ħlas, l-irkantar, u s-settur tat-tbakhir.

⁶¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 kif emendati

⁶² Ir-Regolament (UE) 2015/757

L-UE tenfasizza wkoll li l-Albanija għandha tallinja ruħha mas-CBAM u tiżviluppa l-kapaċitajiet meħtieġa fl-amministrazzjoni doganali tagħha, u tistieden lill-pajjiż jibda t-tħejjijiet.

L-UE tenfasizza li huma meħtieġa aktar sforzi b'rabta mal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art, u l-Forestrija (LULUCF). L-UE tenfasizza n-nuqqas ta' allinjament mal-istandards tas-CO2 għall-karozzi, il-vannijiet u l-vetturi heavy-duty u tistieden lill-Albanija tistabbilixxi s-sistemi xierqa ta' monitoraġġ u rappurtar⁶³.

L-UE tistieden lill-Albanija tibda tirrifletti dwar sistema potenzjali ta' permessi tal-Qbid u Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju (CCS) u l-obbligi tal-kumpaniji taż-żejt u tal-gass biex jiffinanzjaw il-kapaċità tal-ħżin sal-2030.

L-UE tistieden lill-Albanija tkompli **tiġġieled il-korruzzjoni fil-qasam tal-ambjent**, permezz ta' miżuri konkreti għall-integrità, l-irfiġh tar-responsabbiltà u t-trasparenza inkluż fil-kuntratti pubbliċi, il-liċenzjar u l-permessi, kif ukoll l-ispezzjonijiet.

* * *

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tħejjijiet tal-Albanija, u soġġett li l-Albanija tissodisfa l-punti ta' riferiment interim dwar il-Ġabra 1, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Albanija għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu kopert mill-kapitoli li ġejjin, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali stabbilita fil-punti ta' riferiment ulterjuri definiti għall-Ġabra 4, dawn jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba l-UE taqbel li jkun ntlaħqu l-punti ta' riferiment li ġejjin:

⁶³ Skont ir-Regolament (UE) 2019/631 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/392 għall-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief u r-Regolament (UE) 2019/1242 għall-vetturi heavy-duty

Kapitolu 14 – Politika tat-Trasport

- L-Albanija għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-acquis tal-UE fir-rigward tat-tariffa għall-użu tat-triq u l-pedaġġ stradali.
- L-Albanija allinjat mar-rekwiżiti tal-acquis tal-UE dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi, l-acquis soċjali fit-trasport bit-triq, ir-regoli għall-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u d-dimensjonijiet u l-piżijiet għal ċerti tipi ta' vetturi tqal tal-merkanzija, kif ukoll mad-Direttiva dwar l-Ittestjar tal-Affidabbiltà Stradali⁶⁴ u d-Direttiva dwar id-Dokumenti ta' Reġistrazzjoni tal-Vetturi⁶⁵.
- L-Albanija allinjat mas-Sistema ta' Trasport Intelliġenti fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija u bdiet l-implimentazzjoni tagħha.
- L-Albanija żgurat li jkollha korp regolatorju ferrovjarju kompetenti, indipendenti u effettiv, awtorità nazzjonali tas-sikurezza u korp investigattiv nazzjonali kompletament operattivi. L-Albanija żgurat allinjament mal-acquis tal-UE dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja.
- L-Albanija allinjat mal-acquis dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, l-operazzjonijiet tal-ajru u r-rappurtar tal-okkorrenzi u l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti u l-inċidenti tal-avjazzjoni.
- L-Albanija avvanzat livell ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar is-sikurezza u s-sigurtà marittima u ħadet il-miżuri meħtieġa biex ma tibqax fil-lista l-griża.
- L-Albanija allinjat mal-acquis dwar id-drittijiet tal-passiġġieri f'kull mezz ta' trasport u żgurat ir-rwol tal-korpi nazzjonali tal-infurzar mal-adeżjoni.

⁶⁴ Id-Direttiva 2014/45/UE

⁶⁵ Id-Direttiva 1999/37/KE

Kapitolu 15 – Enerġija

- L-Albanija allinjat mal-acquis tas-Suq Intern tal-Enerġija, b'mod partikolari mal-Pakkett dwar l-Integrazzjoni tal-Elettriku
- L-Albanija allinjat il-leġislazzjoni tagħha mal-acquis dwar l-Efficijenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli inkluż il-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni, u wriet progress fl-implimentazzjoni tagħhom
- L-Albanija allinjat il-leġislazzjoni tagħha dwar il-Ħażniet taż-Żejt ta' emerġenza, u mar-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji fis-Settur tal-Elettriku⁶⁶, inkluż il-ħatra ta' awtorità kompetenti għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-enerġija, u bdiet tikkostitwixxi stokk reali.

Kapitolu 21 – Networks trans-Ewropej

- L-Albanija allinjat il-qafas legali tagħha mar-Regolament TEN-E⁶⁷.
- L-Albanija qablet mal-Kummissjoni Ewropea, wara konsultazzjonijiet xierqa, dwar il-proġetti prijoritarji futuri tan-network TEN-T. L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mar-Regolament dwar it-TEN-T⁶⁸ u kisbet progress suffiċjenti lejn it-tlestija tal-proġetti dwar il-Kuritur Ewropew tat-Trasport tal-Punent bejn il-Balkani tal-Punent u l-Lvant tal-Mediterran.
- L-Albanija tiżgura kapaċità istituzzjonali u amministrattiva adegwata bi standards għoljin ta' integrità meħtieġa biex jinġarru r-responsabbiltajiet tal-acquis f'dan il-kapitolu.

⁶⁶ Id-Direttiva 2009/119/KE u r-Regolament (UE) 2019/941

⁶⁷ Ir-Regolament (UE) 2022/869

⁶⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1679

Kapitolu 27 – Ambjent u Tibdil fil-Klima

- L-Albanija allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis ambjentali orizzontali⁶⁹ u wriet progress tanġibbli lejn rekord sod ta' implimentazzjoni u infurzar f'dan il-qasam, inkluż għall-valutazzjoni tal-impatt (Direttivi dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika), speċjalment għall-investimenti fl-infrastruttura filwaqt li żgurat konformità mar-rekwiżiti dwar il-parteċipazzjoni pubblika, il-konsultazzjonijiet transkonfinali u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. L-Albanija wriet li ser tkun lesta li timplimenta u tinforza b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni orizzontali sad-data tal-adeżjoni. L-Albanija tiżgura li l-infrastruttura nazzjonali tad-data ġeografika tagħha tikkonforma mad-Direttiva INSPIRE.
- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE dwar ir-reati ambjentali u għamlet progress tanġibbli lejn rekord solidu fuq il-kriminalità ambjentali, bħar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi u d-deterjorament tal-ħabitats, il-vjeġġi illegali jew ir-rimi tal-iskart, ir-reati tat-tniġġis u l-kummerċ illegali ta' sustanzi perikolużi.
- L-Albanija tkompli tallinja mal-acquis rilevanti tal-UE dwar il-kwalità tal-arja⁷⁰ u ċerti sustanzi niġġiesa atmosferiċi⁷¹. Tirrapporta l-emissjonijiet kull sena, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet⁷², adottat Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja u ppreżentat analiżi tal-istrateġiji kosteffettivi għall-kontroll tal-emissjonijiet għall-2030. L-Albanija tkompli tieħu miżuri biex ittejjeb il-kwalità tal-arja, partikolarment f'żoni li jaqbżu l-valuri ta' limitu tal-UE u billi tiżviluppa jew taġġorna l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, kif previst mid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent⁷³.

⁶⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/92/UE kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE, id-Direttiva 2001/42/KE, id-Direttiva 2003/4/KE, id-Direttiva 2003/35/KE, id-Direttiva 2004/35/CE, id-Direttiva (UE) 2024/1203, id-Direttiva 2007/2/KE

⁷⁰ Id-Direttiva (UE) 2024/2881

⁷¹ Id-Direttiva 2016/2284/UE

⁷² Id-Direttiva 2016/2284/UE

⁷³ Id-Direttiva (UE) 2024/2881

- L-Albanija tkompli tallinja mal-acquis rilevanti tal-UE dwar l-iskart, filwaqt li tirrispetta l-ġerarkija tal-iskart u tiddeika finanzjament xieraq għall-investimenti fl-infrastruttura. L-Albanija tistabbilixxi programmi għall-prevenzjoni tal-iskart, tħejji pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart, nazzjonali u reġjonali, li jinkludu informazzjoni dwar il-flussi kollha tal-iskart u s-soluzzjonijiet għall-ġestjoni tagħhom, inkluż it-tip u l-kapaċità tal-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, l-iskemi ta' ġbir separat u l-istrumenti ekonomiċi. L-Albanija tkompli tallinja mal-acquis tal-UE fis-settur tal-ilma u tiżviluppa pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara għal kull distrett ta' baċin ta' xmara li jinsab kollu fit-territorju tagħha, inkluż il-porzjonijiet ta' distretti internazzjonali tal-baċini ta' xmara li jaqgħu fit-territorju tagħha, u tiżgura li jkollha stabbiliti l-bażi ġuridika u l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni internazzjonali ta' dawn il-pjanijiet. L-Albanija għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma tax-xorb, u tkompli tallinja mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.
- L-Albanija tkompli tallinja mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura⁷⁴, inkluż billi tħassar id-dispożizzjonijiet inkompatibbli promulgati permezz ta' emendi għal-liġi dwar iż-Żoni Protetti (il-Liġi Nru 21/2024) u billi ttemm il-leġiżlazzjoni tal-2015 dwar l-investimenti strateġiċi. L-Albanija ppreżentat lill-Kummissjoni l-lista tas-siti proposti ta' Natura 2000, li tkopri biżżejjed it-tipi ta' habitats u l-ispeċijiet f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats. L-Albanija żgurat il-kapaċità li timmaniġġja n-network Natura 2000, inkluż billi tat status ta' protezzjoni xieraq lil żoni deżinjati u billi implimentat b'mod effettiv il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jwasslu għall-preservazzjoni u t-titjib tagħhom. L-Albanija turi li ser tkun ippreparata bis-sħiħ biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tan-natura fid-data tal-adeżjoni.

⁷⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1991, ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE, id-Direttiva 2010/63/UE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, ir-Regolament (UE) Nru 511/2014, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, ir-Regolament (KE) Nru 1007/2009, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3254/91, ir-Regolament (UE) 995/2010, ir-Regolament (UE) 2023/1115, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005

- L-Albanija għandha livell għoli ta' allinjament mal-acquis fl-oqsma tas-setturi tas-sustanzi kimiċi⁷⁵, l-istorbju⁷⁶ u l-protezzjoni ċivili, u turi li ser tkun kompletament lesta biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-UE fid-data tal-adeżjoni.
- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-klima⁷⁷, u wriet li ser tkun lesta li timplimentah u tinfurzah mal-adeżjoni. L-Albanija tistabbilixxi qafas robust ta' monitoraġġ u rappurtar, f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar skont ir-Regolament dwar il-Governanza. L-Albanija stabbiliet strateġija fit-tul allinjata mal-mira tal-UE għal newtralità klimatika sal-2050.
- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, partikolarment billi tadotta leġislazzjoni dwar il-funzjonament tas-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS)⁷⁸ u l-emendi suċċessivi tagħha. B'mod partikolari l-Albanija żgurat li l-leġislazzjoni rilevanti dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar, l-akkreditazzjoni u l-verifika (MRVA) u l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) mis-settur marittimu skont l-EU ETS fil-kamp ta' applikazzjoni kollu tagħha tkun stabbilita u implimentata. L-Albanija kompliet tallinja ruħha mar-Reġistru tal-Unjoni, l-allokazzjoni bla ħlas, u l-irkantar. L-Albanija tiżgura biżżejjed progress biex tkun tista' timplimenta s-CBAM mal-adeżjoni.
- L-Albanija wriet kapacià adegwata tal-korpi amministrattivi fil-livelli kollha bi standards għoljin ta' integrità, inkluż is-servizzi ta' spezzjoni, qed ittejjeb aktar il-koordinazzjoni tal-ħidma u turi li ser tkun stabbiliet l-istrutturi amministrattivi adatti kollha u taħriġ adegwat fil-ħin qabel l-adeżjoni biex tkun tista' timplimenta u tinforza l-acquis fis-setturi kollha ta' dan il-kapitolu.

⁷⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012, ir-Regolament (UE) 2019/1021, id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE

⁷⁶ Id-Direttiva 2002/49/KE

⁷⁷ Partikolarment id-Direttiva tal-EU ETS, ir-Regolament Marittimu MRV, il-Liġi tal-UE dwar il-Klima, ir-Regolament dwar il-Governanza u l-acquis dwar is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, il-gassijiet fluworurati, l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi, it-tikkettar tal-karozzi, il-kwalità tal-fjuwil, il-LULUCF, il-Qbid u l-Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju, iċ-Ċertifikazzjoni tal-Assorbiment tal-Karbonju, u l-Fond Soċjali għall-Klima

⁷⁸ F'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-EU ETS, kif emendata

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Albanija, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll aktar progress fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn il-kapitoli ta' din il-ġabra u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra, u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija tipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn is-16 ta' Ġunju 2025 u l-konklużjoni tan-negozjati.
